**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 456/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Eliseo Muscat ta' 49 sena, iben**
**George u Carmen nee Saliba, mwieled**
**Qormi fid-19-08-49 u residenti**
**'Aida House', Numru 145, Triq Unici,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 676849 (M).**

**Illum 19 ta' April, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza fejn l-hawn fuq imsemmi Eliseo Muscat gie akkuzat talli fil-25.11.98 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond b'isem "Aida House", bin-numru 145, Triq Anici, Qormi b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum ta' l-elettriku, jew li bihom setgha jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, kkommetta serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li fl-interrogatorju Eliseo Muscat wiegeb li mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat ukoll li l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Illi x-xhieda l-aktar importanti f'dawn l-atti hija dik li ta Silvio Decelis fejn qal li r-record of consumption fil-kaz tal-konsum ta' dawl min-naha ta' l-akkuzat hija wahda impekkabbli u dan ad eccezzjoni ghal perjodu li mmarka b'highlighter u ta dan talab spejegazzjoni minghand l-akkuzat.

Kif jirrizulta wkoll mir-rapport ta' Mario Cassar u Joseph Zammit ghalkemm il-meter instab li kellu l-cover jiccaqlaq u sigilli neqsin ma kellu ebda bicciet ta' tertuqa gewwa.

Illi fil-fatt kif jidher mir-record of consumption esebita minn Silvio Decelis il-konsum ta' l-elettriku ta' l-akkuzat u l-familja tieghu naqas sew fid-data 3 ta' Dicembru, 1992.

L-imputat xehed minn jeddu u ta spjegazzjoni ta' dan in-nuqqas ta' konsum. Qal li fil-perjodu 1992/1993 kien ghamel xi erba' jew hames xhur jghix ghand il-kunjatu tieghu minhabba li dan kien marid fatt dan ikkonfermat minn bintu ghalkemm ma kinitx tiftakar id-data ta' dan l-avveniment ftakret li l-familja taghha ghamlet minn sajf sax-xitwa ta' wara jghixu ghand in-nanniet qalet li fil-fatt nannuha miet f'Jannar.

L-imputat innega li hu ha konsum illecitu ta' elettriku u li hu qatt baghbas fil-meter tad-dawl.

Ikkonsidrat

Illi kif jidher car mill-artikolu 264 tal-Kap 9 l-onu tal-prova f'dawn ir-reati jinqaleb fuq id-difiza dejjem pero' sal-grad tal-probabbli. Dan gie ben sodisfatt mill-akkuzat bl-ispjegazzjoni tieghu ghala fuq ir-record of consumption tidher ghas-sena 1992 nuqqas skjett fil-konsum, l-

ispjegazzjoni li ta hija sostenibbli sal-grad tal-probabbli. Dana jrid jigi wkoll ikkunsidrat ma’ dak li xehed is-sur Decelis li fil-kumplament fl-opinjoni ta’ din il-Qorti jezonera lill-imputat minn kwalunkwe responsabilita’ kriminali. Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi billi tillibera lil Eliseo Muscat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu stante li dawn ma jirrizultawx pruvati.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.